**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta` Gunju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ann Marie Xuereb)**

**Vs**

**Josephine Sammut**

**Kump. Nr. 1511/07**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Josephine Sammut** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 41767M, giet akkuzata talli :

F'dawn il-Gzejjer, f'April tas-sena 2007 bil-hsieb li taghmel qligh b' qerq ghad-dannu ta' huk Leonard Ellul, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghek.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru 2007 (ara *folio* 4) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li rrizulta f'dan il-procediment, hu fil-qosor is-segwenti.

1. Ix-xhud l-Ispettur Angelo Gafa, fid-depozizzjoni tieghu tad-29 ta' Frar 2008 (ara folio 7) jispjega li kienu rcievew kwerela fejn il-kwerelant Maryanne Farrugia kienet tallega li ohtha, l-imputata Josephine Sammut :

*"kienet marret il-Joint Office b'dikjarazzjoni datata 4 ta' April 2007 liema dikjarazzjoni kienet iffirmata minn huha Leonard Ellul li dan kien interdettjat u r-rapport kien jghid li ghal daqstant dan Ellul qatt ma seta' jiffirma dawn id-dokumenti u ma l-istess kwerela kellna supporting documents li kienu jikkonfermaw dan. Ahna min-naha taghna bhala pulizija konna ghamilna verifiki dwar dan mal-Joint Office fejn dawn kkonfermaw illi skond l-agricultural leases letting act, Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, wara l-mewt ta' Antonio Ellul, missier Maryanne Farrugia u Josephine Sammut u Leonard Ellul, bicca ghalqa li kienet imwellija, din l-ghalqa giet imwellija lill-mara ta' dan Antonio Ellul, Paola u lil tnejn mit-tliet ulieda u cioe Leonard u Josephine. Maryanne peress li f'dak iz-zmien kienet izzewget u kienet telqet mid-dar, din l-ghalqa ma gietx imwellija lilha wkoll. Konna ghamilna iktar inquiries fil-Joint Office fejn dawn kkonfermaw illi fil-11 ta' April 2007 din Josephine Sammut kienet ……id-dikjarazzjoni li kellna l-allegazzjoni dwarha ffirmata minn Leonard Ellul fil-presenza ta' Dr. Anglu Farrugia. U dan b'din id-dikjarazzjoni Leonard Ellul kien qed jirrinunzja d-drittijiet tieghu fuq din il-bicca art.*

*Konna gibna wkoll l-originali ta' din ir-rinunzja li kienet ghal daqstant qed taghti l-poter lil Josephine Sammut sabiex titrasferixxi l-ghalqa f'isimha. Senior Clark fil-Joint Office Ramon Francalanza kien informa lill-pulizija fl-ufficcju tieghi li min-naha taghhom kienu ghadhom ma ghamlu l-ebda transfer dwar dan u dawn kienu qed jikkonsidraw il-posizzjoni taghhom minhabba l-fatt li Leonard Ellul kien interdettjat. Konna gibna wkoll vera kopji tad-dokumenti rispettivi, specifikament id-digriet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fejn dan id-digriet din l-Ordni tal-Qorti l-ahwa Maryanne Farrugia u Josephine Sammut kienu gew appuntati bhala kuraturi ta' huhom Leonard Ellul li kien gie interdettjat. Sa dan it-tant fl-ufficcju tieghi PS474 kien fit-23 ta' Lulju intervista lil Maryanne Farrugia u lil Leonard Ellul. Maryanne Farrugia tinsisti illi huha qatt ma seta' ffirma din iddikjarazzjoni. Filwaqt li Leonard Ellul kien kkonferma maghna li kienet ohtu Josephine Sammut li kienet haditu ghand l-avukat Anglu Farrugia sabiex jiffirma dan id-dokument. U li hu kien jaf li b'dan kien qed jitrasferixxi d-drittijiet tieghu fuq din l-ghalqa.*

*Konna kkonsultajna l-ufficcju ta' l-AG fejn Dr. Aaron Bugeja kien talabni dak iz-zmien nergghu ninterrogaw lil Leonard Ellul ghaliex dan seta' allura kien b'xi mod involut f' xi reat. Konna ergajna interrogajnieh u dan kkonferma li kien gie interdettjat fit-12 ta' Mejju 2003 u wkoll kkonferma li qatt ma seta' jiffirma dan id-dokument. Pero qal li kien ffirmah wara li kienet haditu ohtu ghand Dr. Angelo Farrugia u din kienet hi li taghtu l-istruzzjonijiet sabiex jiffirma dan id-dokument. Kont sussegwentement interrogajt lil Josephine Sammut fl-1 ta' Awwissu 2007 fejn din kienet rrilaxxjat stqarrija wara d-debita twissija. Ikkonfermat illi fl-4 ta' April 2007 kienet hadet lil huha Leonard Ellul li kien interdettjat ghand l-avukat Angelo Farrugia u kkonfermat ukoll li kien wkoll ffirma dik id-dikjarazzjoni li kienet maghmula mill-avukat stess. Qalet ukoll dak inhar illi kienet insiet li huha kien interdettjat u kienet ghalhekk li geghlitu jiffirma dak id-dokument. Qaltli wkoll Josephine Sammut l-imputata li ngharaf fl-awla li lill-avukat Anglu Farrugia ma kienet qaltlu b'xejn illi huha Leonard Ellul kien interdettjat mill-Qorti. U li allura hi u ohtha Marianne Farrugia kienu appuntati kuraturi ta' l-istess Leonard Ellul. Hi nnegat li b'xi mod sfurzat lil huha sabiex jiffirma din ir-rinunzja. Wara li ergajt allura kkonsultajt l-AG, b'mod partikolari lil Dr. Aaron Bugeja u wara li vverifikajna li ma kien sar ebda transfer u allura l-ebda gwadann mill-imputata, kien ghal daqstant li nhargu l-akkuzi relattivi f' dan il-kaz."*

2. Illi l-istess xhud, l-Ispettur Angelo Gafa', esebixxa s-segwenti dokumenti u cioe':

Dok 1. Kwerela datata 27 ta’ Lulju 2007;
Dok 2. D-dikjarazzjoni originali datata 4 t’ April 2007 bil-firma originali ta’ Leonard Ellul;
Dok 3. Kopja legali ta’ Digriet numru 545/2003 dwar l-interdizzjoni ta’ Leonard Ellul datat 12 ta’ Mejju 2003;
Dok 4. Stqarrija tal-imputata;
Dok 5. Testment datat 2 ta’ Novembru 1983, fl-atti tan-Nutar Phillip Said maghmul mill-genituri tal-imputata, u fejn jigi ddikjarat li minhabba l-kundizzjoni ta’ Leonard Ellul, il-beni tieghu ghandhom jigu amministrati mill-imputata Josephine Sammut u ohtha Maryanne.

3. Ix-xhud Maryanne Farrugia, oht l-imputata, fid-depozizzjoni taghha tat-13 ta’ Lulju 2009 (ara folio 49 et seq), tixhed illi huha Leonard ghandu 47 sena, huwa interdett u li hi u ohtha huma prokuraturi tieghu. Leonard Ellul kien joqghod maghha izda kien imur joqghod ftit ghand ohtu Josephine u fl-1 ta’ Marzu mar ghandha. Imbaghad gie lura fit-8 t’April 2007, gie jibki, qalli li ma jridx joqghod ghandha ghax haditu jiffirma fuq il-bicca ghalqa. Minkejja li ma setax jiffirma, Leonard iffirma li l-bicca tieghu (tal-ghalqa) ddur fuq ohti.

4. Ix-xhud Dr. Vincienne Vella, Senior Legal Manager, Lands Authority, fid-depozizzjoni taghha tal-20 ta’ Frar 2018, tixhed illi :

*“ …. konna rcivejna wkoll ittra ohra fejn Leonard u Josephine kienu ddikjaraw li fid-data tal-mewt ta’ missierhom kienu qed jghixu mieghu. Issa ircivejna wkoll it-testment tas-sinjur Anthony Ellul fejn halla bhala eredi universali lit-tlett uliedu, kif ukoll l-uzu frutt lill-martu, u iddikjaraw ukoll illi f’kaz li binhom jiret minghandhom il-beni ghandhom jigu amministrati miz-zewg hutu l-ohra Giuseppa Ellul u Marianna Farrugia, billi kien interdetjat. Issa rcivejna wkoll ittra u dan qed nghid ghall-habta tas-sena 2000, fejn fiha l-eredi, wahda mill-eredi Josephine Sammut talbet sabiex il-qbiela iddur fuq isimha, u ghalhekk ahna nkunu nistghu nohorgu invoice f’isimha. Ghal dan il-ghan ahna konna vvettjajna l-file u fl-2007 konna baghtnielhom ittra sabiex nircievu dikjarazzjoni ta’ rininzja minghand huha l-iehor u minghand il-mama taghha. Ghaliex hekk titlob il-ligi. Sussegwentement ta’ dan ircivejna twegiba minghand l-avukat taghhom Dr. Angelo Farrugia fejn qalilna dikjarazjoni ta’ Pawla hija mpossibli ghax sadattant lahqet giet nieqsa fl-2006, pero provdielna dikjarazzjoni tal-Leonard Ellul u*

*firma tieghu. Wara dan ircevejna ittra minghand l-avukat Joe Mifsud ghan-nom ta' Marianna Farrugia li tigi ohthom fejn tghid li din id-dikjarazzjoni ma messha qatt saret ghaliex huhom Leonard kien interdettjat u barra minn hekk setgha jiffirmaw biss hija Marianna u Josephine f'ismu. Mentru l-ittra li konna rcivejna kienet biss f'isem Josephine Sammut. So kien hemm dan in-nuqqas ta' qbil jekk dik l-ittra kienet veritiera jew le. Meta rajna hekk l-awtorita ma setghet tiehu l-ebda decizjoni rigward trasferiment jew rikonoxximent ta' dat-tip imbaghad zvolgiet billi infethet din il-kawza."*

5. Ha l-pedana wkoll, pero` minghajr gurament, Leonard Ellul fl-20 ta' Frar, 2018;

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Illi qabel tghaddi ghall-mertu, din il-Qorti sejra, f'dan l-istadju, tiddisponi minn zewg punti importanti gia mqajjma fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2019.

A. Illi fid-dawl tal-ahhar pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali, tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, u tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti qeda tiskarta u tiddikjara li ma ghandha ebda valur probatorju, l-istqarrija li l-imputata tat waqt l-investigazzjoni.

   Konsegwentement u logikament, din il-Qorti qed tiskarta wkoll kull referenza li ssir ghal tali stqarrija u ghall-kontenut taghha fid-depozizzjoni tal-Ispettur Angelo Gafa' u kull fejn din tokkorri;

B. Illi b'rispett lejn il-persuna ta' Leonard Ellul, peress illi huwa interdett u fid-dawl ta' dak li osservat din il-Qorti meta dan ha il-pedana fl-20 ta' Frar 2018, il-Qorti tifhem illi d-dikjarazzjoni tieghu imsemmija tal-20 ta' Frar 2018 tista tkun wahda li ma ghandhiex il-kriterji u ma tikkwalifikax bhala xhieda ammissibbli skond il-ligi. In vista ta' dan u tal-potenzjalita` li l-proceduri jikkrollaw jekk il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ikunu imsejjsa fuq tali dikjarazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehema li jkun 'unsafe and unsatisfactory' li tabbraccja b'xi mod tali dikjarazzjoni u konsegwentement qed tiskartha u tqis li ma ghandha ebda valur probatorju.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali ( u wiehed irid izomm quddiem ghajnejh l-eskluzzjonijiet li ghamlet din il-Qorti kif spjegat fil-paragrafi precedenti A u B), l-Qorti tinsab konvinta illi:

1. Leonard Ellul kien interdett;
2. L-imputata kienet taf u kienet konxja ta' dan;
3. Illi x'aktarx iva milli le (probabbilment), l-imputata u Leonard Ellul marru flimkien ghand l-Avukat Dr. Anglu Farrugia;
4. Illi x'aktarx iva milli le (probabbilment), waqt li kienu qedin quddiem Dr. Anglu Farrugia, Leonard Ellul ghamel il-firma tieghu;
5. Illi possibilment, kienet l-imputat li kkawzat pressjoni fuq huha biex jiffirma;
6. Illi d-dikjarazzjoni/ittra datata 4 t'April 2007, iffirmata minn Dr Anglu Farrugia, giet mibghuta lil Lands Auhority u ddahlet fil-file relattiv;
7. Illi qatt ma sar xi rikonoxximent jew xi trasferiment bis-sahha ta' din id-dikjarazzjoni;
8. Illi x'aktarx iva milli le (probabbilment), id-dikjarazzjoni tax-xhud Dr. Vincienne Vella (ara aktar il-fuq – "*rcivejna wkoll ittra u dan qed nghid ghall-habta tas-sena 2000, fejn fiha l-eredi, wahda mill-eredi Josephine Sammut talbet sabiex il-qbiela iddur fuq isimha, u ghalhekk ahna nkunu nistghu nohorgu invoice f'isimha. Ghal dan il-ghan ahna konna vvettjajna l-file u fl-2007 konna baghtnielhom ittra sabiex nircievu dikjarazzjoni ta' rininzja minghand huha l-iehor u minghand il-mama taghha. Ghaliex hekk titlob il-ligi. Sussegwentement ta' dan ircivejna twegiba minghand l-avukat taghhom Dr. Angelo Farrugia fejn qalilna dikjarazjoni ta' Pawla hija mpossibli ghax sadattant lahqet giet nieqsa fl-2006, pero provdielna dikjarazzjoni tal-Leonard Ellul u firma tieghu*"), iggib fix-xejn, ossia tinnewtralizza, l-element intenzjonali – l-intenzjoni generika li taf u li trid tikser il-ligi – li suppost kellha l-imputata meta marret ghand Dr. Angelo Farrugia.

Illi din il-Qorti qed tqis dan kollu fl-isfond tal-imputazzjoni mressqa u cioe' dik ta' tentattiv ta' frodi, t-tentattiv li l-imputata taghmel qliegh b'qerq ad dannu ta' huha Leonard Ellul. Mad-daqqa t'ghajn, l-analizi tal-paragrafi hawn fuq indikati (1) sa (8)

jinducu lil dak li jkun illi jemmen li dawn jikkostitwixxu l-holoq tal-katina li finalment twassal ghas-sejbien tal-htija fl-imputata. Izda, huwa fil-holoq bin-numri (3), (4), (5) u (8) fejn il-prosekuzzjoni ghandha l-problema u cioe' li effettivament il-prova li ressqet kienet dik li twassal sal-grad tal-probabbli, u mhux dik li twassal sal-konvinciment morali; partikolarment ghall-holoq numru (3) u (4), il-prova mressqa m'hijiex prova sufficjentement oggettiva u allura dan johloq diffikulta ghall-prosekuzzjoni fil-kaz taghha.

Dan kollu, bhala konsegwenza legali, igib il-kaz tal-prosekuzzjoni bhala wiehed li ma giex sufficjentement ippruvat skond il-ligi.

**Decide.**

**GHAL DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL JOSEPHINE SAMMUT MHUX HATJA TA` L-IMPUTAZZJONI MIGJUBA KONTRA TAGHHA U MINNHA TILLIBERAHA SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur